31959R0005

IR-REGOLAMENT Nru 5
li jemenda l-lista B ta' l-Anness IV tat-Trattat

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

Wara li kunsidra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 92, it-tieni paragrafu;

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Wara li kunsidra li r-reatturi nukleari huma kontemplati fil-lista A 2, l-Anness IV tat-Trattat, waqt li l-partijiet u l-komponenti għar-reatturi nukleari huma kontemplati fil-lista B;

Wara li kunsidra li l-fatt li jiġu attribwiti diversi reġimi doganali għar-reatturi nukleari min naħa waħda, waqt li min-naħa l-oħra jiġu attribwiti oħrajn għall-partijiet u komponenti ta' reatturi nukleari, iwassal biex ikun hemm ostaklu serju biex jitwettqu l-għanijiet tal-Komunità;

Wara li kunsidra li differenza bħal din fir-reġim twassal biex tinkoraġġixxi l-importazzjoni fil-Komunità ta' reatturi nukleari sħaħ, u tkun qed tippreġudika l-bini ta' partijiet u komponenti ta' reatturi nukleari min-naħa ta' l-industrija fil-Komunità;

Wara li kunsidra, għalhekk, li r-reġim eċċezzjonali li jkun ġej mill-inklużjoni ta' partijiet u komponenti ta' reatturi nukleari fuq lista differenti minn dik li jkun fiha r-reatturi nfushom, għandu jiġi mibdul f'reġim li jkun jinkludi l-partijiet u l-komponenti tar-reatturi nukleari fuq l-istess lista li fiha tkun tidher l-informazzjoni dwar għalfejn huma destinati li jmorru;

Wara li kunsidra li riżultat bħal dan ikun inkiseb wara t-tneħħija tal-kelmiet "partijiet u komponenti għal reatturi nukleari" mil-lista B ta' l-Anness IV tat-Trattat;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kelmiet "partijiet u komponenti għal reatturi nukleari", li jidhru fil-lista B ta' l-Anness IV tat-Trattat, għandhom jitħassru.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ wara l-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-22 ta' Diċembru 1958.

Għall-Kunsill

Il-President

S. BALKE